**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
LL.B., LL.D., M.A.

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 14 ta' Lulju 2023**

Kawża Numru: 4/2019 (MPX)

**Michael Gatt et**

**vs**

**Joseph Buttigieg et**

**Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tal-atturi Michael Gatt et ippreżentat minnu fis-6 ta' Frar 2019 fejn l-atturi ippremettew s-segwenti: -

*"Għidu intom konvenuti għaliex m'għandkomx tigu kundannati li tħallsu lir-rikorrenti |-ammont totali ta' tliet elef, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u għoxrin Ewro ċenteżmu (€ 3,329.20) rapprezentanti in kwantu għall-ammont ta' elfejn, erba' mija u erbgħin Ewro (€ 2,440) rapprezentanti bilanċ li għadu dovut għax-xogħol li sar mir-rikorrenti fuq kamra tas-sodda u vanity units għar-residenza tagħkom, u r-rimanenti tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u għoxrin Ewro centeżmu (€ 889.20) rapprezentanti taxxa tal-VAT dovuta. Ix-xogħol sar kollu fuq struzzjonijiet u talba specifika tagħkom.*

*BI-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-avviz, sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*BI-ispejjeż tal-preżenti proċedura u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom inġunti."*

Ra r-risposta tal-konvenuti li wiegbu: -

Illi t-talbiet attrici kif dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-

istess atturi, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. *"Illi preliminarjament, l-esponenti jopponu ghall-ispejjez ta' din il-procedura, liema procedura hija biss ir-rizultat ta' ksuhat u pika da parti tal-atturi jew min minnhom, u xejn aktar. Dan qed jinghad stante illi l-esponenti qatt ma rrifjutaw illi jhallsu l-ammont realment dovut lill-atturi; cioe dak ta' elfejn erba' mija u erbghin Ewro (€2,440), liema ammont baqa' ma thallasx biss u semplicement in vista ta' danni illi ed jigu reklamati mill-esponenti minghand l-atturi stess. L-esponenti kienu sahansitra ssuggerew illi dan l-ammont jigi depozitat taht l-awtorita tal-Onorabbli Qorti pendenti l-ezitu tal-vertenza l-ohra ta' bejniethom; depozitu illi issa ged isir hawn kontestwalment mal-prezentata ta' din ir-risposta. Konsegwentement ukoll l-istess esponenti ma ghandhomx ibghatu spejjez konnessi ma' din il-procedura;*

2. *Illi l-ammont ta' tmien mija disgha u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€889.20) illi ged jigi reklamat in linea ta' "Taxxa fuq il-Valur Mizjud" huwa kontestat u mhux dovut stante illi I-prezz li kienu fthemu fuqu l-partijiet originarjament kien dak ta' erbat elef disa' mija u erbghin Ewro (€4,940) [liema ammont kellu awtomatikament jinkludi l-VAT], minn liema ammont l-esponenti diga hallsu elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) li jhalli bilanc fl-ammont ta' elfejn erba' mija u erbghin Ewro (€2,410) [VAT inkluz]; dan kollu kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-procedura;*

*Ghaldaqstant it-talbiet attrici ma jistghux jirnexxu u ghandhom jigi michuda.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi illi huma minn issa ingunti in subizzioni.*

Ra l-atti kollha tal-proċess inkluz wkoll id-dokumenti kollha prezentati.

Sema t-trattazzjoni tal-legali tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi fis-seduta tal-11 ta' April, 2019, il-legali tal-atturi kienu ddikjaraw illi wara li saret il-kawza odjerna, l-intimati ddepozitaw taht l-Awtorita` tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, l-ammont ta' elfejn, erba' mija u erbghin Ewro (€2,440), liema depozitu sar permezz tac-Cedola numru 42/2019, ipprezentata fil-25 ta' Frar, 2019. F'dik l-istess seduta, l-atturi kienu ddikjaraw ukoll li m'humiex qed

jinsistu fuq il-hlas tal-ammont ta' €889.20 rapprezentanti VAT dovuta u li kienet reklamata fl-avviz originali, pero` zammew ferm id-dritt taghhom fuq il-kap tal-ispejjez. Sussegwentement, il-partijiet iddikjaraw qbil li l-kawza tibqa' ghad-decizjoni fuq il-kap tal-ispejjez.

Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuti kienu nkarigaw lill-attur Michael Gatt jahdmilhom xi ghamara ghal dik li kellha tkun id-dar matrimonjali taghhom, konsistenti fi kcina, kamra tas-sodda, u xi *vanities*. Meta tlesta x-xoghol kollu kien fadal bilanc ta' €2,440, rapprezentanti hlas dovut ghall-kamra tas-sodda u l-*vanities*. Waqt diskussjonijiet mizmuma bejn il-partijiet, il-konvenuti dejjem asserixxew illi kienu lesti li jhallsu dan il-bilanc biss gialadarba jkunu gew rimedjati d-difetti li huma kienu qed jallegaw li kien hemm fil-kcina.[1]

Tirrizulta wkoll korrispondenza legali skambjata, fejn fl-ewwel ittra mibghuta ghan-nom tal-konvenuti, l-attur Michael Gatt kien gie interpellat jirrimedja, a spejjez esklussivi tieghu, id-difetti kollha li kienu gew riskontrati, u sabiex jibdel dawk il-partijiet kollha formanti parti mix-xoghol imwettaq mill-istess Gatt li allegatament ma kinux skont l-arti u s-sengha.

In rispons ghal dan, l-istess attur wiegeb li fic-cirkonstanzi huwa ma kellux jitqies li kellu jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi hsara li setghet garrbet l-ghamara, u dan stante li, skond hu, tali hsara ma kienet attribwibbli la ghas-sengha tieghu, u lanqas ghall-materjal li ntuza minnu.

Fl-istess ittra huwa fakkar illi kien ghadu dovut lilu l-ammont totali ta' €2,440, rapprezentanti bilanc dovut ghal kamra tas-sodda u *vanity units* li huwa kien hadem u kkonsenja lilhom fuq istruzzjonijiet taghhom stess, u li ma kellu l-ebda relevenza ghall-kwistjoni odjerna.

Mill-istess atti jirrizulta wkoll abbozz ta' skrittura, imhejjija mil-legali tal-atturi, li pero` ma tirrizultax iffirmata.

It-Tribunal seta' ghalhekk jikkonstata illi l-ammont pretiz mill-atturi jirrapprezenta xoghol relatat ma' kamra tas-sodda u *vanity units*, dwar liema xoghlijiet, il-konvenuti ma kellhomx diffikultajiet jew ilmenti. L-istess konvenuti, pero`, baqghu jirrifjutaw li jhallsu tali ammont kemm-il darba d-difetti li kienu qed jilmentaw minnhom, relattivi ghal bicca xoghol ohra, ossia ghall-kcina, ukoll mahduma fuq inkarigu taghhom mill-attur Michael Gatt, jibqghu mhux rimedjati. It-Tribunal jifhem, ghalhekk, in-nuqqas ta' ness bejn il-hlas ghal xoghol rapprezentat fl-ammont pretiz u d-difetti li l-konvenuti kienu qed jilmentaw minnhom.

[1] Affidavit ta' Michael Gatt, fol. 23.

It-Tribunal seta' jinnota wkoll illi, mentri f'cirkostanzi fejn il-konvenut jista' jkun rinfaccjat bi proceduri gudizzjarji, is-soluzzjoni tkun dik li jiddepozita *anteprima* l-kreditu mertu tal-istess taht l-Awtorita` tal-Qorti, u dan sabiex jezimi ruhu minn kwalunkwe responsabilita`, il-konvenuti ghazlu li jiddepozitaw dan l-ammont biss wara li dawn il-proceduri kienu gia` gew inizjati. Il-fatt li fil-mori ta' dawn il-prceduri l-konvenuti ghazlu li jhallsu, kif fuq spjegat, huwa minnu nnifsu ammissjoni li l-ammont kif depozitat kien verament dovut.

It-Tribunal jinnota illi mill-atti ma jirrizultax illi kienet giet ipprezentata ittra ufficjali interpellanti hlas u fl-istess waqt it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva ultirjorment illi, anke kif ammess mill-attur Michael Gatt innifsu, kemm meta fl-affidavit tieghu jghid, *"Buttigieg qatt ma qaluli li dan l-ammont ma kienx dovut lili."*[2], kif ukoll meta mistoqsi in subizzjoni waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju, 2019, mizmuma quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, fl-Atti tar-Rikors numru 01/2019 (BS), fejn jirrispondi kif gej:

> *L-Avukat Dr Damien Bigeni*
> *Ara taqbilx li qatt ma cahduk minn dawk l-elfejn u erba' mija. Qatt ma qalulek mhux ser inhallsuhom?*
>
> *Ix-xhud:*
> *Le, jien mhux nghid li ma ridux ihallsuhom, imma…*
>
> *L-Avukat Dr Damian Bigeni:*
> *Ara taqbilx mieghi illi kien hemm ftehim bejnietkom, dawk jithallsu kif tissortjaw il-kwistjoni tal-kcina la l-kcina nzertat thallset kollha.*
>
> *Ix-xhud:*
> *Ezatt, ezatt, imma kemm ha ndumu ngebbduha l-affari!*[3]

- il-konvenuti fl-ebda punt u waqt ma cahhdu l-ammont mitlub bhala wiehed mhux dovut.

In vista ta' tali osservazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-umli fehma li l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

[2] Fol. 23; l-ahhar sentenza.
[3] Xhieda, fol. 94.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula, dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi:

(i) Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte reklamat fl-avviz tat-talba, stante li s-sorte thallas lill-atturi, konfermanti, fil-mori ta' dawn il-proceduri;

(ii) L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft) Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur